# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 1043/97

John Cini

vs

Kap Kmandant tal-Forzi Armati

Illum 25 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax diversi promozzjonijiet.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi ir-rikorrent dahal jahdem mal-Armata fir-rank ta' gunner fis-sena 1987 u xogholu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin kien dejjem fuq il-bahar.

2. Illi tul dawn is-snin ir-rikorrent gab hafna kwalifiki bhat-Third Class Education, BII Engine Driver, BIII Deckhand u Second Class Map Reading.

3. Illi r-rikorrent attenda ukoll diversi korsijiet, fosthom life saving course, fire fighting course u cadre course.

4. Illi tenut kont tal-kwalifiki li kellu ir-rikorrent, kien jisthoqqlu promozzjoni ghall-lance bumbardier, izda minflok dawn il-promozzjonijiet inghataw lin-nies b'anqas kwalifiki minnu.

5. Illi meta regghu inghataw xi promozzjonijiet ohra ghall-bumbardiera, uhud kienu minn fost dawk, li ftit taz-zmien qabel lahqu lance bumbardiera, u sadanittant ir-rikorrent kien ghadu jzomm ir-rank ta' gunner.

6. Illi eventwalment ir-rikorrent sar lance bumbardier.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud, dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi ordnat li l-Armata tirrikonoxxi l-promozzjoni tieghu lura sas-

sena.... jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta’ mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fil-promozzjonijiet tal-1988, fejn ir-rikorrent kellu biss **Trade** ta **Deckhand B3**, jidher li dawk il-Gunners li nghataw promozzjoni kellhom kwalifiki aktar minn tar-rikorrent.

Illi ghalkemm jidher li fl-1992 kien hemm xi persuni li gew promossi meta dawn kellhom Edukazzjoni u Snajja daqs jew anqas mir-rikorrent, dan ma jfissirx li r-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha mehtiega ghall-promozzjoni.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta’ anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta’ efficjenza kif ukoll abbazi ta’ ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-avviz legali Nru. 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni,

preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li hu dahal fl-Armata fl-1987 bhala gunner .Wara hu beda jattendi xi korsijiet sabiex jakkwista diversi trades. Fosthom fil-fatt akkwista is-segwenti trades:-

**(i)** Deckhand BIII (1988)

**(ii)** Engine Driver Marine BIII (1989)

**(iii)** Engine III Class

Spjega li akkwista l-Education Class III mal-ewwel peress li dahal fl-Armata wara li ghamel l-ezami pubbliku ghall-Armata.

Attenda ukoll ghall-kors ta' "life saving" fejn ikkwalifika ghall-bronze medallion (general) u l-bronze cross.

Qal li mbaghad hargu l-promozzjonijiet ta’ 1988 u kien hawn li gie maqbuz u ma hax promozzjoni ghall-Lance Bombardier. Semma nies li kellhom anqas seniority minnu 85513, Gnr. Micallef 85450, Gnr. Zerafa u 85426 Gnr. Micallef, 85309 Gnr. Azzopardi, 85205 Gnr. Farrugia.

Sadanittant dejjem baqa’ jahdem mal-Maritime Squadron fiq il-bahar. Fis-sena 1990 regghu hargu l-promozzjonijiet u rega’ ma nghatax transfer ghal-lance bombardier. Semma dawk li kienu juniors tieghu u hadu l-promozzjoni; 5606 Gnr Muscat, 85362 Gnr. Xuereb, 85346 Gnr Camilleri, 85214 Gunner Grech.

Meta kellem lill- officer in command, nfurmah li ma kellux l-Education Class III.

Hu baqa’ jinsisti li ma kienx minnu u spicca kelllu jaghmel l-ezami ghal Education Class III u dan kien qabel 1993.Semma lil Vincent Cutajar li llum huwa bumbardier. Dan dahal mieghu bl-ezami pubbliku u lil dan ma tnehhewlux l-Education Class III u sahansitra ghamel ezami ghal Education Class II u sar eventwalment bumbardier.

Matul dan iz-zmien attenda workshop tal-fire fighting and breathing apparatus rescue u basic shipboard fire fighting and casualty handling. Regghu hargu l-promozzjonijeit fis-sena 1992 u rega gie maqbuz ghal lance bombardier. Semma nies ohrajn li qabzuh , lil 85812 Gnr. Scerri, 85202 Gnr Alamango, 85693 Gnr. Borg fost l-ohrajn.

Dawn kienu kollha juniors tieghu u sahansitra 85812 Gnr. Scerri kienu ilu biss madwar sitt xhur fl-Armata u minkejja dan nghata promozzjoni.

Kien biss fl-1 ta' Marzu 1998 li nghata promozzjoni ghal-lance bombardier u fl-11 ta' Mejju 1998 nghata promozzjoni ghal bumbardier.

Xehed Lt. Col. Schembri u pprezenta lista ta' li saru minn gunner ghal Lance Bumbardier f' dak iz-zmien imsejha Task Force li kien unit separat mill-kumplament tal-Forzi Armati bi promotions ghalih u seniority ghalih. Isem ir-rikorrent huwa muri fit-tielet pagna shaded bil-griz. Ma jfissirx li ha l-promozzjoni dak in-nhar izda li hadha kien jigi f' din il-pozizzjoni. Education ma kellux dak iz-zmien bhala grad u trade kellu Deckhand B3. Dawk li huma junior tieghu u saru wkoll mill-iskeda jirrizulta li kien hemm diversi li ma kellhomx grade of education u hemm tnejn ukoll li huma indikati bhala without trade.

Esebixxa dokument li juri l-promozzjonijiet li hargu b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 minn Gunner ghal Lance Bumbardier fl-Ewwel Regiment li dak iz-zmien il-Maritime Squadron saret taghmel parti minnu. Il-grade of education tar-rikorrent kien ghadu l-istess nil, biss zdiedet trade ta' Engine Driver Marine B3. Class 3 Education ir-rikorrent gabu fl-1994.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk minn ezami tax-xhieda moghtija u dokumenti esebiti jirrizulta li fil-promozzjonijiet li nghataw b' effett mill-11 ta' Mejju 1988 mill-grad ta' Gunner ghal Lance Bumbardier ir-rikorrent inqabez minn tmienja minn nies. Fost dawk li qabzuh kien hemm wiehed li kellu Third Class Education waqt li l-ohrajn kollha kienu bhalu u cioe` Army Certificate Of Education nil. Irrizulta wkoll li minn dawk li qabzuh kien hemm tnejn li ma kellhomx trades ghalkemm kellhom il-Cadre Course li r-rikorrent ma kellux. Kien hemm ukoll erba' li bhala trades kellhom daqs ir-rikorrent u tnejn li kellhom trades aktar mir-rikorrent. Fost dawk li gew qablu hlief ghal Gunner Mario Cauchi li kellu nil ACE u nil Trades izda D fil-Cadre Course ma hemm xejn relevanti.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-

Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

L-intimat ma ta ebda raguni ghaliex ir-rikorrent gie maqbuz u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa’ l-eccezzjoni tal-istess intimat ghax irrizulta li numru ta’ nies qabzu lir-rikorrent u dan minghajr raguni valida. Jidher li dak li mmotiva lill-intimat biex jaghmel dan kien il-fatt li dawk li qabzu lir-rikorrent kolha kellhom il-Cadre Course waqt li r-rikorrent ma kellux izda din fil-fehema tat-Tribunal mhix raguni valida. Peress li ma nghatatx raguni valida ghaliex ir-rikorrent inqabez u peress li ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal it-talba hija gustifikata din ghandha tigi milqugha.

Ghalhekk jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Lance Bumbardier b’effett mill-11 ta’ Mejju, 1988 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.